# IL-PJAN TAL-LEZZJONI – 6.6

**Kap 6: Salvana**

**Lezzjoni 6.6: Hallelujah**

## Għanijiet:



It-tfal:

1. Jagħrfu li għalkemm Ġesù bata għalina, l-istorja għandha tmiem sabiħ.
2. Jifhmu li din hi l-akbar festa għalina l-Insara u li magħha ġġib ferħ kbir.
3. Japprezzaw il-kultura Maltija u għax hi festa għandhom jieħdu sehem f'purċissjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa u tal-Irxoxt.
4. Jifhmu għaliex jirċievu figolli u bajd tal-Għid.

## Ir-riżorsi għal-lezzjoni:



- Link fuq il-YouTube ta' Cedarmont Kids –

  **Alive, Alive**

- Salib tal-kartonċin kannella twila xi 80cm u wiesa' 50cm ( jew skont il-kobor tal-kartonċina)
- Outline ta' qalb għal kull tifel u tifla fuq karta jew kartonċina b'kuluri differenti. Il-qalb m'hemmx għalfejn tkun kbira.
- Xi crisps jew ħelu u xorb.
- Karta ta' Taħriġ 6.4.

## Naqsmu flimkien

*Introduzzjoni*

- Għid it-tfal li llum ser nagħmlu festa.
- Flimkien kantaw **Hu qam kif kien qal (verżjoni bil-Malti)** jew Alive Alive (verżjoni bl-ingliż). Tista' tuża dan il-link fuq il-YouTube ta' **Cedarmont Kids - Alive, Alive** http://www.youtube.com/watch?v=yRTKzGokOnQ

### ***Hu qam kif kien qal***

Hu qam, hu qam, hu qam kif kien qal
Għax Ġesù huwa ħaj, qam kif kien qal.
Hu qam, hu qam, hu qam kif kien qal
Għax Ġesù huwa ħaj.
Kant'Allelulja, kant'Allelulja
Għax Ġesù huwa ħaj, qam kif kien qal.
Kant'Allelulja, kant'Allelulja
Għax Ġesù huwa ħaj.



### ***Alive Alive***

*Alive, alive, alive forevermore.*
*My Jesus is alive, alive forevermore.*
*Alive, alive, alive forevermore.*
*My Jesus is alive.*
*Sing alleluia, sing alleluia,*
*My Jesus is alive forevermore.*
*Sing alleluia, sing alleluia*
*My Jesus is alive*

## Nisimgħu flimkien

- Għid l-istorja tal-qawmien bl-għajnuna tal-Bibbja, kartuns animati bħal **The Resurrection -- The Beginners Bible Deluxe Edition** minn fuq YouTube jew bi stampi permezz tal-preżentazzjoni Powerpoint.
- Uri lit-tfal il-forma tas-salib tal-kartonċin kannella. Staqsi lit-tfal x'jiftakru meta jaraw is-salib. Probabbli jgħidu li Ġesù miet għalina.
- Fakkarhom kif spiċċat l-istorja ta' Ġesù. Spiċċat ħażin jew tajjeb?
- Għalkemm is-salib fakkarna fi storja ta' tbatija u uġiegħ, irridu niftakru li dik l-istorja turina kemm Ġesù jħobbna u għalhekk m'għandniex inkunu mdejqin imma għandna għalfejn inkunu ferħanin.
- Għid lit-tfal li flimkien ser inbiddlu s-salib f'**Salib ta' Imħabba**. **Staqsi:** Liema tpinġija tfakkarna fl-imħabba? Jekk ma jaslux biex jgħidulek il-qalb tista' tpinġija fl-arja (skywriting) jew tpoġġi idejk msallbin fuq sidrek biex turi fejn hemm il-qalb.
- Agħti qalb lil kull tifel u tifla. Għid lit-tfal biex jiktbu isimhom fuq il-qalb u jqasqsu madwarha. Dur mat-tfal biex tassigura li kulħadd qed juża l-imqass kif suppost.
- Waħħal il-qlub fuq is-**Salib tal-Imħabba**. Issa s-salib għandu jfakkarna fl-imħabba ta' Ġesù.
- Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 6.4 u flimkien għen lit-tfal ipoġġu l-ismijiet fil-post it-tajjeb.
- Tista' tispiċċa l-lezzjoni billi tagħmlu festin żgħir billi tagħti ftit krisps u ħelu lil kulħadd.



## Nikbru flimkien (punti ewlenin tal-lezzjoni)




- L-Għid hija festa ta' ferħ kbir.
- L-istorja ta' Ġesù għandha tmiem ta' ferħ
- Ġesù ma baqax mejjet iżda għadu ħaj u għalhekk għandna għalfejn nifirħu.

## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

It-tfal jagħmlu li jistgħu ħalli jikbru bil-għaqal ħalli jkunu jistgħu jmorru l-ġenna.




## Niċċelebraw flimkien

kant /drama/ DVD



- Għid l-istorja tal-qawmien bl-għajnuna kartuns animati bħal **The Resurrection -- The Beginners Bible Deluxe Edition** minn fuq YouTube jew bi stampi permezz tal-preżentazzjoni Powerpoint.
- **Kantaw Alive Alive** jew **Hu qam kif kien qal** il-link fuq il-YouTube ta' **Cedarmont Kids - Alive, Alive**

**Nitolbu**

*It-tfal jistgħu jitgħallmu bl-amment il-vers :*



***Mhux hawn, imma qam kif kien qal.***

**Inkantaw** ***Alleluljah.***

*Spjega lit-tfal li Alleluljah tfisser infaħħru lil Alla.*

*Fi żmien l-Għid inkantawha għaliex inkunu ferħanin.*

*Tista' ssemma lit-tfal Halleluljah ta' Handel li tesprimi*

*tajjeb il-ferħ ta' din il-festa. (Händel Messiah – Hallelujah Chorus)*